MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Numru 416/2011

PULIZIJA
SPETTUR EDMOND CUSCHIERI
VS
RONALD GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Ronald Gatt ta’ 32 sena, imwieled nhar 28/08/1978, bin il-mejjet Henry u l-mejta Marion nee` Gilford u residenti f’no 5, Triq il-Porto Salvu, Isla, u detentur ta’ karta tal-identita` bin-numru 411078M fejn gie akkuzat talli nhar it-13 ta’ Marzu 2011 ghall-habta ta’ nofsinhar u ghoxrin gewwa Triq il-Pizatur, Mosta ikkommetta serq ta’ stereo min go vettura liema serq huwa aggravat bix-xorti tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Sandro Cremona mill-Mosta u dan ai terminu tal-artikolu 261 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u ta’ l-imputat, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat

Semghat il-konferma ta’ l-istess amissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess amissjoni ta’ l-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat Ronald Gatt hati skont l-akkuza u wara li rat l-Artiklu 261, 271, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Ronald Gatt taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ sentejn taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew probation officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, l-eta` tal-imputat u l-fatt illi l-imputat huwa *a first offender*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------